MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

[Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.45pm.

## 55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

55.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera Graziella Attard Previ bagħtet messaġġ biex tgħid illi se tkun tard. Qal illi ma rċieva xejn mill-kunsillier Wayne Hewitt.

## 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

55.2.1 B'referenza għal punt 54.2.2, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill għandu bzonn l-approvazzjoni mal-Ministru biex jidħol f'PPP skont Art. 3(2) u jekk il-Kunsill jixtieq jagħmel ftehim simili hemm bzonn l-approvazzjoni. Żied illi l-awdituri kienu wkoll ġibdu l-attenzjoni fuq dan il-ftehim fi snin preċedenti.

55.2.2 B'referenza għal punt 54.2.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Joseph Briffa [Transport Malta] għandu jiltaqa' mal-Perit u se jibgħat l-ispecs għall-istorm water system u jibgħat l-ispecs (Proġett Manoel de Vilhena).

55.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit għandu jibgħat il-pjanti tal-bankina tax-Xatt [ref punt 54.2.6]

55.2.4 B'referenza għal punt 54.3.1, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kuntrattur għamel Pre-Contractual Objection u hemm bzonn nidhru quddiem il-PCRB. Sa kemm jittieħed deċiżjoni kelna nwaqqfu l-proċess tat-tender. Ħalli nkomplu naħdmu bl-aħjar effiċjenza possibbli qal illi għandna noħorġu talba għall-istimi għal tlett xhur biex inkunu siguri li nzommu mal-liġi. Il-Kunsill qabel.

55.2.5 B'referenza għal punt nos. 54.3.4 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ltaqa mas-sur Cherubino fuq il-post u ssejjaħ laqgħa ma' uffiċjal ta' TM fuq diversi affarijiet, fosthom fuq dan il-punt. Qal illi se nitilfu l-parking fuq naħa izda se naraw jekk hemm il-possibilita li ssir fishbone parking fuq in-naħa l-oħra biex ma nitilfux daqshekk parking. Żied illi hemm kumpaniji li għandom warehouses fit-triq u għandom diffikultà biex jidħlu u joħorġu minħabba t-turning angle u minħabba n-nuqqas ta' spazju li hemm fit-triq.

55.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li bagħat katalogu ta' bankijiet lill-kunsilliera, irċieva 2 suġġerimenti biss. Wara diskussjoni qasira l-kunsilliera talbu li jkunu maintenance free, komdi, irrelevanti x'materjal ikunu barra li mhux tal-injam. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li nagħmlu period contract biex, jekk ikun hemm bzonn, nixtru oħrajn mill-istess kuntrattur fil-futur.

## 55.3 Kontinwazzjoni tal-laqgħa preċedenti

55.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi peress illi ma kienx hemm quorum lejn l-aħħar tal-laqgħa nos 54, il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-punti tal-aġenda tal-laqgħa preċedenti. Dawn kienu l-performance appraisal tal-istaff u l-iskeda ta' pagamenti.

Performance Appraisal [staff]: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-membri tal-istaff dejjem ħadmu sew, urew rispett kbir lejn xulxin u jagħmlu minn kollox biex jgħinu lir-residenti avolja xi drabi jkun hemm nies diffiċli. Qal illi fil-fehma tiegħu kollha kemm huma taw kontribut u ħaqqom il-massimu a' 6%. Is-Sindku ppropona li jieħdu l-massimu. Il-Viċi Sindku ssekondah.

55.3.2 Performance Appraisal [Segretarju Eżekuttiv]: Is-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv jieħu l-massimu ta' 10% Performance Bonus. Il-Viċi Sindku ssekondah. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jistenna l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali.

55.3.3 Payment Approval Sheet: Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa fuq il-pagamenti tal-kuntrattur Lawrence Mallia u jekk dan jista jaħdem peress illi hu pulizija. Is-Sindku qal illi dan għandu l-approvazzjoni tas-superjuri tiegħu u li dan kien ġie diskuss f'laqgħat fil-passat.

## 55.4 Korrespondenza mas-Sindku

55.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sar jaf illi fil-passat, is-Sindku ta' dak iz-zmien kien approva li jinkiteb ktieb fuq il-Gżira li beda jieħu ħsieb il-Profs. Godfrey Pirotta. Żied illi l-Kunsill ma jistax iħallas fuq ftehim mingħajr il-procurement kif suppost, speċjalment wara li l-ftehim sar snin ilu. Żied illi wara li tkellem mal-Profs jista jgħid illi kien lest mix-xogħol, ħlief illi kellu jlesti Chapter fuq l-isports. Is-Sindku qal illi tkun idea tajba jekk ikun hemm ktieb għaċ-ċentinarju. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel għandu jara mad-Dipartiment jekk il-Kunsill jista jħallas fuq ftehim ta' snin ilu, kif ukoll illi ssir laqgħa ma Profs. Pirotta.

55.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ħlas għas-servizz ta' G4S għoliet għal €25+VAT kull vjaġġ.

55.4.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi n-niċċa li kienet tinstab ma Regional Road fejn Tal-Qroqq, issa se titpoġġa fejn kien hemm 'The Cottage' restaurant qabel. Hu ħareġ pjanta tax-xogħol kif se ssir.

55.4.4 Inqara talba minn ħu s-sur Albert Rizzo, ex-Sindku tal-Gżira, biex il-Kunsill jixtri planters ġodda għal fejn il-monument tal-ex Sindku qabel l-10 anniversarju tal-mewt tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn jiswew €120. Is-Sindku approva t-talba tas-sur Rizzo. Il-kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

55.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Yousef Falah, student ġewwa l-universita ta' Malta li jiġi mill-Kuwait, għamel talba biex grupp ta' studenti mill-Kuwait jagħmlu stand max-Xatt nhar is-Sibt 17 ta' Frar bħala attività għall-jum nazzjonali tagħhom. Il-Viċi Sindku qal ilil għandom isibu post fejn hemm biżżejjed spazju għan-nies. It-talba ġiet milqugħa.

## 55.5 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

55.5.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona kien bagħat mistoqsijiet fuq dawk il-pagamenti kollha li jsiru li jkunu E.O.I's fil-P.A.S.
Kif ġiet ippubblikata f'kull kaz l-E.O.I? Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ra li kienu ħarġu sejġiet fuq id-DOI.

Kien hemm parteċipanti għall-E.O.I f'kull każ? Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni, kien hemm wieħed biss li applika bħala handyman u ħa l-kuntratt, waqt illi kien hemm tlieta għall-Contracts Manager.
Fuq l-iema bażi ntgħażlu dawk li qed jagħmlu dawn ix-xogħolijiet? Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont ir-rapport tal-evalwazzjoni li l-Kunsill approva fit-13 ta' Ġunju 2016, il-handyman kien l-uniku wieħed li applika u b'hekk ma kienx hemm kompetizzjoni u l-Kunsill ħa deċiżjoni biex jingħata kuntratt lilu, waqt illi għall-Contracts Manager kien hemm tlieta li bagħtu bids. Skont ir-rapport kien hemm wieħed illi kien irħas minn dak illi ħa t-tender izda l-Bord ħass illi dan il-persuna, bħala kuntrattur full-time għal Tas-Sliema, ma setax jiffoka fuq il-Kunsill tal-Gżira wkoll u b'hekk irrakamondaw il-kuntrattur eżiztenti. Is-Sindku fakkar illi membru tal-Bord kien daħħal il-klawsola li jkun hemm persuna extra minflok barra l-kuntrattur. Il-Kunsill, skont il-Minuti tal-laqgħa tat-13 ta' Ġunju, approva dan il-kuntrattur.
Jezistu kuntratti ffirmat? Jekk iva meta bdew l-aħħar kuntratti u meta jiskadu? Is-Segretarju Eżekuttiv informa li sab kuntratti li ġew iffirmati f'Novembru 2015 [sa Novembru 2018] għall-accountant, u f'Ġunju 2016 [sa Ġunju 2019] għall-handyman u għall-Contracts Manager.
Kemm tħallas kull kuntrattur xahar b'xahar minn meta bdew dawn il-kuntratturi sal-aġġar ta' Diċembru 2017? Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva l-mistoqsijiet nhar il-Ġimgħa filgħaxija u ma kienx ra l-informazzjoni sal-laqgħa izda l-ispejjez kollha qegħdin online fuq il-Payment Approval Sheets li jiġu diskussi lejn l-aħħar ta' kull laqgħa.
Jikkonferma s-Segretarju li għal kull talba tal-ħlas qed tiġi ppreżentata VAT invoice u wara kull ħlas qed jirċievi s-Segretarju Vat Receipt kif titlob il-liġi? Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-awdituri jfittxu dawn l-affarijiet u qatt ma semmew problemi ma dawn il-tlett kuntratturi fejn jidħlu invoices/irċevuti, għax bħal ħaddieħor, dawn id-dokumenti dejjem għandom jiġu pprovduti.
Jekk dawn id-dokumenti ma jiġux ipprovduti, il-Kunsill jitlob lil kull kuntrattur biex jibagħthom sa perjodu u jekk le jittieħdu passi kontrihom mingħand id-dipartimenti kkonċernati.
Rigward dawn id-dokumenti dawn jinstabu ma kull ħlas illi jsir.

Il-kunsillier Jeremy Cardona bagħat dawn il-mistoqsijiet:

55.5.2

Jista s-Segretarju Eżekuttiv jagħti lista ta' Direct Orders li ngħataw mill-Kunsill Lokali Gżira tul is-sena 2017. L-informazzjoni għandha telenja:
Id-data tad-Direct Order?
Min kien il-kuntrattur?
X'kien ix-xogħol jew il-provista mitluba?
Kemm kien l-ammont ta' kull direct order?
Ir-raġuni għalfejn ħarġet D.O u mhux tender jew kwotazzjoni?
Jekk ġiex ippreżentata VAT invoice sabiex sar il-ħlas?
Jekk il-Kunsill irċeview VAT receipt għal kull ħlas
Jekk il-Kunsill ma rċeviex VAT invoice u/jew Vat receipt, nitolbok telenkali x'passi ttieħdu kontra l-kuntrattur u jekk id-Dipartiment tal-VAT ġiex infurmat?

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva nhar il-Ġimgħa bil-lejl u ma kien hemm l-ebda ħin biex jiġbor id-data, kif kien avża lill-istess kunsillier b'emajl. Qal ukoll illi dawn l-affarijiet se jsiru audited bil-ġimgħat illi ġejjin u kull kunsillier se jirċieva l-Management Letter fejn se jkun hemm, bil-miktub, in-nuqqasijiet kollha tal-Kunsill. Fakkar illi hemm it-thresholds ta' Direct Orders/stimi/tenders u nimxu ma dawk it-thresholds. Qal ukoll illi fil-każ tal-ftehim mall-Cleansing Department kien hemm ftehim, anka mad-DLG, li noħorġu Direct Orders sakemm isir kuntratt ma kumpanija privata. Fakkar illi kif irrisponda l-mistoqsija preċedenti, skont Arti. 34

(1) kull kunsillier għandu dritt jagħmel appuntament u jara d-dokumenti tal-Kunsill, waqt illi ftit informazzjoni jinsab fil-Payment Approval Sheets li jiġu ppreżentati waqt kull laqgħa u li qegħdin online. Rigward l-aħħar tlett mistoqsijiet, dawn ukoll kienu ingħataw tweġiba fil-mistoqsija preċedenti.

## 55.6 Rapporti

55.6.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-talbiet, u ritratti, biex jiġu rilaxxati ammont ta'garanziji fuq il-bankini:

53 Guze Miċeli: ll-Kunsill approva ir-rilaxx tal-garanzija
136 St. Albert [Lower]: Il-Kunsill approva r-rilaxx tal-garanzija
126 Luqa Briffa: Il-Kunsill approva r-rilaxx tal-garanzija
351-355 Rue D'Argens: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi x-xogħolijiet għadom għaddejjin u b'hekk l-applikant għandu jitlob għar-rilaxx tal-bankina iżjed tard.

55.6.2 **Un/Loading Bay**: Gżira Road: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sid tal-ħanut 'Flowers and More' għamel talba biex isir Un/Loading bay barra l-ħanut tiegħu. Is-Sindku qal illi dan il-persuna għandu garaxx hemm u ma tagħmilx sens illi jħott fl-area indikat skont ir-ritratt illi bagħat is-sid tal-post. Il-Kunsill m'approvax it-talba.

55.6.3 **Baġit 2018**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-baġit ta' 2018 għall-approvazzjoni. Id-dokument ġie approvat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-accountants kellom jibagħtu l-**Quarter Report** u l-**Financial Statements**. Qal illi avża lill-awdituri li mhux se jintbagħtu fil-ħin minħabba d-dewmien tal-accountants. Żied illi minħabba f'hekk, malli jirċievi dawn id-dokumenti, hemm bzonn illi tissejjaħ laqgħa urġenti biex jiġu approvati.

55.6.4 **Gzira Day**: Kien hemm diskussjoni fuq il-pjanijiet ta' Gżira Day fejn ġie deċiż illi, fuq il-parir tal-event organizer, is-serata ssir fit-12 ta' Mejju fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill Lokali jista jonfoq sa massimu ta' €3500 għal Jum il-Lokalita. Il-kunsillier Graziella Attard Previ ma qablitx mal-proposta tal-event organizer li ma naħdmux mal-Każin tal-Banda [minħabba raġunijiet ta' flus] mingħajr ma nieħdu stima mingħandhom. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li mhux se jiġu esklużi.

55.6.4 L-event organizer ressaq proposti oħra għall-approvazzjoni tal-Kunsill rigward **attivitajiet għas-sena 2018.**

Sala tal-Kunsill: Il-Kunsill approva li jsiru l-lezzjonijiet li ppropona l-event organizer ħalli jkun hemm timetable biex is-sala tkun tista tinkera mill-iskola għall-attivitajiet oħra. Fost dawn l-attivitajiet se jkun hemm korsijiet tad-Drama
LEAP: Il-Kunsill qabel illi naħdmu mal-LEAP biex isiru attivitajiet/kooperazzjoni biex ngħinu nies vulnerabbli.

Universal Children's Day: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fi 2017 infaqna €15,250 u ħadna lura €10,000 mill-Ministeru. Qal illi hemm opportunita biex nieħdu l-istess ammont ta' fondi waqt illi hemm €8000 mill-Culture Fund, fejn fost dawn il-Kunsill jista jħallas għal-lezzjonijiet tad-Drama. Il-Kunsill qabel illi terġa ssir Universal Children's Day u nzommu l-istess baġit tas-sena l-oħra [ta' €17,000].

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lill-kunsilliera jekk għandom ideat [bħala attivitajiet] biex nibdew naħdmu fuqhom. Il-kunsillier Jeremy Cardona ppropona festival taz-zfin fejn ikun hemm serata għal kull tip ta' żfin.
Is-Sindku u l-kunsillier Wayne Hewitt resqu idea simili biex isir serata [f'Awwissu] tipo 'Giocci senza frontieri' ġewwa Fort Manoel. Sal-laqgħa li jmiss il-kunsilliera għandom joħorġu ideat ċari fuq dal-attivita wara li l-Kunsill approva li ssir jekk il-fondi jippermettu.

55.6.5 **Fondazzjoni: Manoel Island**

55.6.5.1 Is-Sindku qal illi kien hemm ċertu forza biex ikun hemm għaqda kontra l-ideat inizjali tal-MIDI u kien hemm bzonn ftehim formali kif kienu ħarġu bl-idea l-NGO 'Friends of Manoel Island'. Is-Segretarju Eżekuttiv ta kopja tal-ftehim lill-membri tal-Kunsill.

55.6.5.2 Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa fuq il-ħlas. Is-Sindku rrisponda li huwa 'share capital' u li parti mill-pagament se ssir minn naħa tal-MIDI, waqt illi l-avukata Dr. Claire Bonello, bħala rappreżentanta tal-NGO's li ħadu sehem fil-proċess, se toħroġ il-bqija. Il-Kunsill mhux se jħallas.

55.6.5.3 Is-Sindku spjega li l-Kunsill se jkun 'founder' u li bħala entita tal-Gvern ma nistgħux inkunu parti mill-foundation/NGO. Żied illi hu membru ta' 'Friends of Manoel Island', u bħala Sindku ħass illi l-Kunsill għandu jkun involut bħala founder. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ staqsiet jekk il-Kunsill ħareġ bl-idea, fejn is-Sindku wieġeb illi kienu 'Friends of Manoel Island' li ħarġu bl-idea.

55.6.5.4 Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa x'tip ta' rwol se jkollna bħala fondaturi. Is-Sindku rrisponda li l-irwol kien li ssir il-fondazzjoni biex jiġi miktub il-ftehim rigward 'building heights', 'open spaces' etc. Bħala eżempju qal illi Dun Karlo Manche kien il-fondatur tal-Banda Mount Carmel izda la qatt kien President u wisq anqas membru tal-Kumitat. Qal illi d-display [masterplan] li kienu għamlu fejn kien preżenti l-kunsilliera kollha kien wara d-diversi laqgħat illi saru flimkien ma' Friends of Manoel Island.

55.6.5.5 Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi mhix tifhem għalfejn il-~~Kunsill~~ kunsilliera ma kienux involuti fid-diskussjonijiet dwar il-Fondazzjoni qabel. ~~dieħel issa meta ma konniex involuti qabel.~~ Għamlet referenza għat-talba li rċevew il-kunsilliera kollha rigward jekk jaqblu li s-Sindku u l-Viċi Sindku jkunu r-rapprezentanti tal-Kunsill u qalet illi ikkontestat għax ħasbet illi hemm bzonn amministruattur f'isem il-minoranza. Fuq dan il-punt il-kunsillier Wayne Hewitt issekonda l-proposta u staqsa x'hemm kontra li ssir hekk. Is-Sindku rrisponda li m'għandu xejn kontra dil-opinjoni izda żied illi ma jistax jinsa kif fil-passat kien talab għall-għaqda pubblikament u intqal diskors li mar kontra l-għaqda wara li kien ħadem ħafna biex ikun hemm kompromess favorevoli rigward Manoel Island.

55.6.5.6

Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi qed jeskludi lil membri tal-PN. Is-Sindku qal illi hu kien ħadem kontinwanament, u li l-Viċi Sindku kien akkumpanjah, biex illum il-ġurnata wasalna

għall-kompromess mal-MIDI. Qal illi m'hu qed jeskludi lil ħadd izda jixtieq illi jkollu miegħu persuni ta' fiduċja li ħadmu fuq dan il-punt. Żied ukoll illi l-membri nominati huma hu, is-Sindku, u l-Viċi Sindku.

55.6.5.7 Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi ma taqbilx illi ma jkunx hemm rappreżentant tal-PN. Staqsiet ukoll għalfejn hemm referenza għall-avukata Dr. Claire Bonello fejn hi mhix persuna magħżul mill -poplu. Is-Sindku qal illi Dr. Bonello kienet parti minn Friends of Manoel Island u li kienet instrumentali biex wasalna fejn wasalna. Żied illi hi kienet tattendi kull laqgħa fejn kienet tidher għall-ENGO's u professjonalment bħala konsulent legali. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi m'hemmx raġuni tajba għalfejn Dr. Bonello hija amminstrattur tal-fondazzjoni u l-membri tal-PN le, u nsistiet illi mhumiex rappreżentati.

55.6.5.8 Is-Sindku reġa fakkar illi l-Kunsill mhux parti mill-fondazzjoni izda li huwa founder.

55.6.5.9 Il-kunsillier Wayne Hewitt ressaq mozzjoni fuq il-punt tal-aġenda, biex jittieħed vot biex ikun hemm rappreżentant tal-minoranza. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi la diġà kien hemm qbil m'hemmx għalfejn jittieħed vot. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi ma taqbilx illi jsiru dawn id-deċiżjonijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku rrisponda li kien hemm bzonn risposta sa nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar u li nnotifika l-Kunsill kollu meta sar jaf. Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa għalfejn il-punt qiegħed fl-Aġenda jekk il-Kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni, fejn is-Sindku reġa qal illi l-Kunsill ma jidħolx fil-fondazzjoni izda ried jagħti l-informazzjoni dwar x'qed jiġri vis-a-vis il-fondazzjoni, u l-parti tagħna bħala fondaturi. Is-Sindku laqa t-talba tal-kunsillier Wayne Hewitt. Il-kunsillieri Wayne Hewitt, Graziella Attard Previ u Jeremy Cardona vvutaw favur li jkun hemm rappreżentant mill-minoranza. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-kunsillieri Neville Chetcuti u Joseph Galea vvutaw kontra, b'hekk il-mozzjoni m'għaddietx bi tlett voti kontra erbgħa.

55.6.5.10 Il-kunsilliera Graziella Attard Previ resqet mozzjoni oħra biex rappreżentant tal-minoranza jidħol minflok Dr. Claire Bonello. Iċ-Chairman qal illi mhux se jaċċetta t-talba u staqsa għalfejn qed isir din it-talba. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi qed tressaq it-talba peress illi Dr. Bonello mhix rappreżentanta tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi, kif intqal qabel, hi rappreżentanta tal-ENGO's u li qatt ma qal illi hi rappreżentanta tan-nies. Qal illi din il-persuna kien strumentali biex wasalna fi ftehim mal-MIDI.

55.6.5.11 Il-kunsillier Wayne Hewitt ressaq mozzjoni biex ikun hemm rappreżentati oħra minflok is-Sindku u l-Viċi Sindku. Is-Sindku m'aċċettax it-talba minħabba r-raġunijiet li sema qabel u għax kien għadda l-istess vot.

55.6.5.12 Il-kunsillier Joseph Galea enfasizza l-punt li s-Sindku u l-Viċi Sindku, bħala amministraturi, għandom iqisu li jagħtu l-informazzjoni kollha lil Kunsill.

55.6.5.13 Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi s-Sindku qed imexxi b'mod personali.

55.6.6 <u>**Elinku**</u>: Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi qed tiġbor informazzjoni rigward servizzi soċjali u tixtieq illi naħsbu għall-elinku. Is-Sindku qal illi nistgħu namalgamaw l-idea mal-ħsieb illi ssir djarju. Il-kunsilliera Graziella Attard Previ qalet illi tixtieq illi nidħlu f'ċertu dettal u anka tkun bil-brail. Biex inkabbru sens kommuniktarju wkoll tixtieq illi nġibu wkoll l-informazzjoni tal-businesses. B'hekk, qalet illi niffrankaw ħafna spejjez.
Is-Sindku ssekonda l-proposta.

**Is-Segretarju Eżekuttiv avża li għaddew tlett sigħat u li hemm bzonn qbil illi l-laqgħa titkompla. Il-kunsilliera qablu.**

## 55.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

55.7.1 Il-Viċi Sindku qal illi rċieva talba mill-Bus Stop Kiosk biex jagħmlu 'World Cup Village' fl-area tal-parking quddiem il-BOV. Is-Segretarju Eżekuttiv qal hemm bzonn no objection mill-pulizija, ċertifikazzjoni ta' Health and Safety, insurance policy. Il-kunsilliera qablu mall-proposta.

## 55.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

55.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 55.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

54.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.o0pm u ġiet aġġornata għal-13 ta' Frar 2018 fil-5.30pm

Konfermati, illum il-Tlieta 6 ta' Marzu 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |